IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.10.2020
COM(2020) 636 final

2020/0285 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill jistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv Konġunt istitwit mill-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("il-Ftehim dwar il-Ħruġ") dwar deċiżjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv Konġunt li jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika

Dan il-Ftehim dwar il-Ħruġ jistabbilixxi l-arranġamenti għall-ħruġ ordnat tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ("ir-Renju Unit") mill-Unjoni Ewropea ("l-Unjoni") u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika. Dan il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020.

2.2. Il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv Konġunt

Il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv Konġunt ("il-grupp ta' ħidma") inħoloq skont l-Artikolu 15(1) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq tal-Ftehim dwar il-Ħruġ ("il-Protokoll"), biex iservi ta' forum għall-iskambju ta' informazzjoni u għall-konsultazzjoni reċiproka dwar l-implimentazzjoni tal-Protokoll.

Il-grupp ta' ħidma huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Unjoni u tar-Renju Unit u jwettaq il-funzjonijiet tiegħu taħt is-superviżjoni tal-Kumitat Speċjalizzat dwar kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Protokoll, stabbilit permezz tal-Artikolu 165 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, u jirrapporta lilu.

Il-grupp ta' ħidma ma għandux is-setgħa li jieħu deċiżjonijiet vinkolanti għajr is-setgħa li jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu stess.

Fil-grupp ta' ħidma:

a) l-Unjoni u r-Renju Unit jiskambjaw, b'mod f'waqtu, informazzjoni dwar il-miżuri ta' implimentazzjoni rilevanti li jkunu ppjanati, li jkunu jinsabu għaddejjin kif ukoll dawk finali fir-rigward tal-atti tal-Unjoni elenkati fl-Annessi ta' dan il-Protokoll;

b) l-Unjoni informat lir-Renju Unit dwar l-atti tal-Unjoni li jkunu ppjanati fil-kamp tal-applikazzjoni ta' dan il-Protokoll, fosthom atti tal-Unjoni li jemendaw jew jissostitwixxu atti tal-Unjoni elenkati fl-Annessi ta' dan il-Protokoll;

c) l-Unjoni tipprovdi lir-Renju Unit kull informazzjoni li l-Unjoni tqis rilevanti sabiex tippermetti lir-Renju Unit jikkonforma bis-sħiħ mal-obbligi tiegħu skont dan il-Protokoll; kif ukoll

d) ir-Renju Unit jipprovdi lill-Unjoni l-informazzjoni kollha li l-Istati Membri huma meħtieġa jipprovdu lil xulxin jew lill-istituzzjonijiet, lill-korpi, lill-uffiċċji jew lill-aġenziji tal-Unjoni b'konformità mal-atti tal-Unjoni elenkati fl-Annessi ta' dan il-Protokoll.

Il-grupp ta' ħidma huwa kopresedut mill-Unjoni u mir-Renju Unit. Il-grupp ta' ħidma jiltaqa' tal-anqas darba fix-xahar minn tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, sakemm l-Unjoni u r-Renju ma jiddeċidux mod ieħor b'kunsens reċiproku. Meta jkun hemm bżonn, l-Unjoni u r-Renju Unit jistgħu jiskambjaw l-informazzjoni msemmija fil-punti (c) u (d) aktar 'il fuq bejn laqgħa u oħra.

L-Unjoni tiżgura li l-fehmiet kollha espressi mir-Renju Unit fil-grupp ta' ħidma u l-informazzjoni kollha mogħtija mir-Renju Unit fil-grupp ta' ħidma, inkluża *data* teknika u xjentifika, jiġu kkomunikati lill-istituzzjonijiet, lill-korpi, lill-uffiċċji u lill-aġenziji rilevanti tal-Unjoni mingħajr dewmien bla bżonn.

2.3. Id-deċiżjoni prevista tal-grupp ta' ħidma

Skont l-Artikolu 15(6) tal-Protokoll, il-grupp ta' ħidma għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu b'kunsens reċiproku.

L-iskop tad-deċiżjoni prevista, li għaliha jenħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni tal-Unjoni, jittratta l-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tal-grupp ta' ħidma.

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-funzjonament tajjeb tal-grupp ta' ħidma jirrekjedi regoli ta' proċedura li, fost l-oħrajn, ikunu jkopru l-għażla tal-kopresidenti, l-għamla tas-segretarjat, l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-għamla tad-delegazzjonijiet, il-post fejn issir il-laqgħa, it-trattament ta' dokumenti u korrispondenza, it-tfassil tal-aġenda u tal-minuti, il-kunfidenzjalità u l-lingwa ta' ħidma tal-laqgħa, kif ukoll l-ispejjeż li jridu jiġġarrbu mid-delegazzjonijiet.

Fid-dawl tal-iskop u l-għamla tal-grupp ta' ħidma u r-relazzjoni tiegħu mal-Kumitat Speċjalizzat dwar kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Protokoll, safejn ikun possibbli, dawn ir-regoli jenħtieġ li jkunu simili għar-regoli ta' proċedura previsti fl-Anness VIII tal-Ftehim dwar il-Ħruġ fir-rigward tal-Kumitati Speċjalizzati stabbiliti skont l-Artikolu 165 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

Għaldaqstant, il-pożizzjoni tal-Unjoni jenħtieġ li tkun li tappoġġa l-adozzjoni ta' deċiżjoni mill-grupp ta' ħidma skont l-Artikolu 15(6) tal-Protokoll li jistabbilixxi tali regoli ta' proċedura li jirregolaw il-ħidma tiegħu, b'konformità mal-abbozz ta' deċiżjoni mehmuża ma' din il-proposta.

4. BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet tal-Kunsill li jistabbilixxu *"l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim."*

Id-deċiżjoni li l-grupp ta' ħidma huwa mitlub jadotta tikkostitwixxi att b'effetti legali.

L-att previst ma jissupplimentax u ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

L-għan uniku u l-kontenut tal-att previst jirrelata mal-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-Unjoni dwar ir-regoli ta' proċedura ta' korp maħluq skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ, u li skont dak l-

istess ftehim, għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu b'kunsens reċiproku. Il-konklużjoni tal-Ftehim kienet ibbażata fuq l-Artikolu 50(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-Artikolu 50(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, flimkien mal-Artikolu 218(9) TFUE.

5. IL-PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Billi l-iskop tad-deċiżjoni tal-grupp ta' ħidma huwa l-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu, simili għar-regoli ta' proċedura tal-Kumitat Konġunt u tal-Kumitati Speċjalizzati previsti fil-Ftehim dwar il-Ħruġ, ikun xieraq li d-deċiżjoni tal-grupp ta' ħidma tiġi ppubblikata, fosthom ir-regoli ta' proċedura, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, wara li tiġi adottata.

2020/0285 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika fir-rigward tal-adozzjoni tar-regoli ta' proċedura tiegħu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 50(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika ("il-Ftehim dwar il-Ħruġ") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135[1] u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2020.

(2) Il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv Konġunt (il-"grupp ta' ħidma") inħoloq permezz tal-Artikolu 15(1) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq tal-Ftehim dwar il-Ħruġ ("il-Protokoll"), biex iservi ta' forum għall-iskambju ta' informazzjoni u għall-konsultazzjoni reċiproka dwar l-implimentazzjoni ta' dak il-Protokoll.

(3) Skont l-Artikolu 15(2) tal-Protokoll, il-grupp ta' ħidma jrid ikun magħmul minn rappreżentanti tal-Unjoni u tar-Renju Unit u jwettaq il-funzjonijiet tiegħu taħt is-superviżjoni tal-Kumitat Speċjalizzat dwar kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Protokoll, stabbilit bl-Artikolu 165(1)(c) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, u jenħtieġ li jirrapporta lilu.

(4) Skont l-Artikolu 15(6) tal-Protokoll, il-grupp ta' ħidma jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu b'kunsens reċiproku.

(5) Fid-dawl tal-iskop u l-għamla tal-grupp ta' ħidma u r-relazzjoni tiegħu mal-Kumitat Speċjalizzat dwar kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Protokoll, ir-regoli jenħtieġ li jkunu simili għar-regoli ta' proċedura previsti fl-Anness VIII tal-Ftehim dwar il-Ħruġ fir-rigward tal-Kumitati Speċjalizzati stabbiliti skont l-Artikolu 165(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

(6) Għaldaqstant, ikun xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-grupp ta' ħidma.

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/135 tat-30 ta' Jannar 2020 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 29, 31.1.2020, p.1).

(7) Sabiex il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jkunu jistgħu jiġu applikati fil-pront, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tidħol fis-seħħ fid-data li tiġi adottata,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-grupp ta' ħidma stabbilit bl-Artikolu 15(1) tal-Protokoll, dwar deċiżjoni li trid tittieħed skont l-Artikolu 15(6) tiegħu, għandha tiġi bbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-grupp ta' ħidma mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-deċiżjoni tal-grupp ta' ħidma għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

id-Deċiżjoni Nru .../2020 tal-Grupp ta' Ħidma Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-Ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika

ta' …

li tadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu

IL-GRUPP TA' ĦIDMA KONĠUNT,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika[2] ("il-Ftehim dwar il-Ħruġ"), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(6) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq tal-Ftehim dwar il-Ħruġ ("il-Protokoll"),

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 15(6) tal-Protokoll, il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv Konġunt (il-"grupp ta' ħidma") għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu b'kunsens reċiproku.

(2) Fid-dawl tal-iskop u l-għamla tal-grupp ta' ħidma u r-relazzjoni tiegħu mal-Kumitat Speċjalizzat dwar kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Protokoll, ir-regoli ta' proċedura tal-grupp ta' ħidma jenħtieġ li jkunu simili għar-regoli ta' proċedura pprovduti fl-Anness VIII tal-Ftehim dwar il-Ħruġ fir-rigward tal-Kumitati Speċjalizzati stabbiliti skont l-Artikolu 165 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-ħidma tal-Grupp ta' Ħidma Konġunt stabbilit permezz tal-Artikolu 15(1) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq tal-Ftehim dwar il-Ħruġ għandha tkun irregolata mir-regoli ta' proċedura stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi …,

Għall-Grupp ta' Ħidma Konġunt

Il-Kopresidenti

[2] ĠU L 29, 31.1.2020, p.7.

ANNESS

IR-REGOLI TA' PROĊEDURA TAL-GRUPP TA' ĦIDMA KONSULTATTIV KONĠUNT

Regola 1

Il-President

1. Il-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv Konġunt (il-"grupp ta' ħidma") għandu jkun kopresedut minn rappreżentant maħtur mill-Kummissjoni Ewropea u minn rappreżentant nominat mill-Gvern tar-Renju Unit. L-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit għandhom jinnotifikaw lil xulxin bil-miktub dwar ir-rappreżentanti li jiġu nominati.

2. Kopresident li ma jkunx jista' jattendi laqgħa jista' jiġi sostitwit għal dik il-laqgħa minn persuna nominata oħra. Il-persuna l-oħra nominata mill-Kummissjoni Ewropea jew il-persuna l-oħra nominata mill-Gvern tar-Renju Unit għandhom jinformaw lill-kopresident l-ieħor u lis-Segretarjat tal-grupp ta' ħidma bil-miktub dwar in-nomina mill-aktar fis possibbli.

3. Il-persuna l-oħra nominata mill-kopresident għandha teżerċita d-drittijiet ta' dak il-kopresident fil-limiti tan-nomina. Kull referenza f'dawn ir-Regoli ta' Proċedura għall-kopresidenti għandha tinftiehem li tinkludi persuna nominata oħra.

Regola 2

Is-Segretarjat

Is-Segretarjat tal-grupp ta' ħidma (is-"Segretarjat") għandu jkun magħmul minn uffiċjal tal-Kummissjoni Ewropea u uffiċjal tal-Gvern tar-Renju Unit. Is-Segretarjat għandu, taħt l-awtorità tal-kopresidenti, iwettaq il-kompiti mogħtija lilu permezz ta' dawn ir-Regoli ta' Proċedura.

Regola 3

Il-parteċipazzjoni fil-laqgħat

1. Qabel kull laqgħa, l-Unjoni u r-Renju Unit għandhom jinfurmaw lil xulxin permezz tas-Segretarjat dwar il-kompożizzjoni maħsuba tad-delegazzjonijiet.

2. Fejn xieraq u b'deċiżjoni tal-kopresidenti, l-esperti jew persuni oħra li ma jkunux membri tad-delegazzjonijiet jistgħu jiġu mistiedna jattendu l-laqgħat tal-grupp ta' ħidma sabiex jipprovdu informazzjoni dwar suġġett partikolari.

Regola 4

Il-laqgħat

1. Il-laqgħat tal-grupp ta' ħidma tiegħu jsiru b'mod alternat fi Brussell u fir-Renju Unit, sakemm il-kopresidenti ma jiddeċidux mod ieħor.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, il-kopresidenti jistgħu jiddeċiedu li laqgħa tal-grupp ta' ħidma ssir permezz ta' vidjokonferenza jew telekonferenza.

3. Kull laqgħa tal-grupp ta' ħidma għandha titlaqqa' mis-Segretarjat f'data u post deċiżi mill-kopresidenti. Fejn l-Unjoni jew ir-Renju Unit ikunu għamlu talba għal laqgħa, il-grupp ta' ħidma għandu jagħmel ħiltu biex jiltaqa' fi żmien 15-il jum minn tali talba. F'każijiet ta' urġenza huwa għandu jagħmel ħiltu biex jiltaqa' qabel.

Regola 5

Id-dokumenti

Id-dokumenti bil-miktub li jiġu skambjati b'mod formali fil-grupp ta' ħidma, kemm jekk matul il-laqgħat jew bejn laqgħa u oħra, għandhom jiġu nnumerati u ċċirkolati lill-Unjoni u lir-Renju Unit mis-Segretarjat bħala dokumenti tal-grupp ta' ħidma.

Regola 6

Il-korrispondenza

1. L-Unjoni u r-Renju Unit għandhom jibagħtu l-korrispondenza tagħhom indirizzata lill-grupp ta' ħidma lis-Segretarjat. Tali korrispondenza tista' tintbagħat fi kwalunkwe forma ta' komunikazzjoni bil-miktub, inkluż permezz tal-posta elettronika.

2. Is-Segretarjat għandu jiżgura li l-korrispondenza indirizzata lill-grupp ta' ħidma tintbagħat lill-kopresidenti u tiġi ċċirkolata, fejn xieraq, skont ir-Regola 5.

3. Il-korrispondenza kollha mill-kopresidenti jew indirizzata direttament lilhom għandha tintbagħat lis-Segretarjat u għandha tiġi ċċirkolata, fejn xieraq, skont ir-Regola 5.

Regola 7

L-aġenda tal-laqgħat

1. Għal kull laqgħa għandu jitfassal abbozz tal-aġenda provviżorja mis-Segretarjat. Din għandha tintbagħat, flimkien mad-dokumenti rilevanti, lill-kopresidenti sa mhux aktar tard minn ħamest ijiem qabel id-data tal-laqgħa.

2. L-aġenda provviżorja għandha tinkludi dawk il-punti li l-inklużjoni tagħhom fl-aġenda tkun intalbet mill-Unjoni jew mir-Renju Unit. Kull talba bħal din, flimkien ma' kull dokument rilevanti, għandha tiġi ppreżentata lis-Segretarjat mhux aktar tard minn sebat ijiem qabel il-bidu tal-laqgħa.

3. Mhux aktar tard minn tlett ijiem qabel id-data tal-laqgħa, il-kopresidenti għandhom jiddeċiedu dwar l-aġenda provviżorja għal laqgħa. Huma jistgħu jiddeċiedu li jagħmlu din l-aġenda provviżorja, jew xi parti minnha, pubblika qabel il-bidu tal-laqgħa.

4. L-aġenda għandha tiġi adotta mill-grupp ta' ħidma fil-bidu ta' kull laqgħa. Fuq talba tal-Unjoni jew tar-Renju Unit, il-grupp ta' ħidma jista' jiddeċiedi li jżid punt ieħor fl-aġenda provviżorja minbarra dawk li jkunu diġà ġew inklużi.

5. Il-kopresidenti jistgħu jiddeċiedu li jidderogaw mil-limiti ta' żmien speċifikati fil-paragrafi minn 1 sa 3.

Regola 8

Il-minuti

1. Fi żmien ħamest ijiem minn tmiem il-laqgħa s-Segretarjat għandu jfassal l-abbozz tal-minuti, sakemm il-kopresidenti ma jiddeċidux mod ieħor. Is-Segretarjat għandu jħejji wkoll sommarju tal-minuti.

2. Il-minuti għandhom, bħala regola, jagħmlu sinteżi ta' kull punt fl-aġenda, u jispeċifikaw fejn applikabbli:

   (a) id-dokumenti ppreżentati lill-grupp ta' ħidma;

   (b) kull dikjarazzjoni li wieħed mill-kopresidenti jkun talab li tiddaħħal fil-minuti; kif ukoll

   (c) kwalunkwe konklużjoni operazzjonali li tiġi adottata dwar punti speċifiċi.

3. Il-minuti għandhom jinkludu lista tal-ismijiet, it-titoli u r-rwol tal-individwi kollha li jkunu attendew il-laqgħa.

4. Il-kopresidenti jistgħu jitolbu li ssir emenda fl-abbozz tal-minuti jew fis-sommarju fi żmien ħamest ijiem minn meta jiġu ċċirkolati mis-Segretarjat skont il-paragrafu 1. Il-minuti u s-sommarju għandhom jitqiesu bħala approvati mill-kopresidenti meta jiskadi dan il-perjodu u ma tkun intalbet li ssir ebda emenda. Jekk kopresident jitlob li ssir emenda fi żmien dan il-perjodu, il-minuti u s-sommarju għandhom jitqiesu bħala approvati ladarba l-kopresident l-ieħor ikun qabel mal-emenda mitluba.

5. Ladarba jiġu approvati, il-kopji elettroniċi tal-minuti għandhom jiġu ffirmati mill-membri tas-Segretarjat u jintbagħtu lill-Unjoni u lir-Renju Unit, kif ukoll lill-Kumitat Speċjalizzat dwar kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq. Imbagħad il-kopresidenti jkunu jistgħu jiddeċiedu li jifthu s-sommarju għall-pubbliku.

Regola 9

Id-deċiżjonijiet

1. Id-deċiżjonijiet tal-kopresidenti previsti minn dawn ir-regoli ta' proċedura għandhom jittieħdu b'kunsens reċiproku.

2. Fil-perjodu bejn il-laqgħat, il-kopresidenti jistgħu jieħdu deċiżjonijiet bħal dawn permezz ta' komunikazzjoni bil-miktub bi skambju ta' noti elettroniċi bejn il-kopresidenti. Is-Segretarjat għandu jinforma lill-partijiet dwar kull tali deċiżjoni tal-kopresidenti.

Regola 10

Il-kunfidenzjalità

1. Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor mill-kopresidenti, il-laqgħat tal-grupp ta' ħidma għandhom ikunu kunfidenzjali.

2. Meta l-Unjoni jew ir-Renju Unit jippreżentaw informazzjoni meqjusa bħala kunfidenzjali jew protetta mid-divulgazzjoni skont il-liġijiet u r-regolamenti tagħhom lill-grupp ta' ħidma, il-parti l-oħra għandha tittratta dik l-informazzjoni li tkun irċeviet bħala kunfidenzjali.

Regola 11

Il-lingwi operazzjonali

Il-lingwa operazzjonali tal-grupp ta' ħidma għandha tkun l-Ingliż. Sakemm ma jiġix deċiż mod ieħor mill-kopresidenti, il-grupp ta' ħidma għandu jibbaża d-deliberazzjonijiet tiegħu fuq dokumenti mħejjija bl-Ingliż.

Regola 12

L-ispejjeż

1. L-Unjoni u r-Renju Unit għandhom kull wieħed minnhom jassumu kull spiża li jġarrbu bħala riżultat tal-parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-grupp ta' ħidma.

2. L-ispejjeż marbuta mal-organizzazzjoni tal-laqgħat u mar-riproduzzjoni tad-dokumenti għandhom jitħallsu mill-Unjoni għal-laqgħat li jsiru fi Brussell, u mir-Renju Unit għal-laqgħat li jsiru fir-Renju Unit.

3. L-ispejjeż marbuta mal-interpretazzjoni fil-lingwa operazzjonali, jew minnha, tal-grupp ta' ħidma waqt il-laqgħat għandhom jitħallsu mill-parti li titlob tali interpretazzjoni.

Regola 13

Rapport annwali lill-Kumitat Speċjalizzat

1. Kull sena kalendarja s-Segretarjat għandu jfassal rapport dwar il-ħidma tal-grupp ta' ħidma. Ir-rapport għandu jitfassal sal-1 ta' Frar tas-sena ta' wara.

2. Kull rapport għandu jiġi adottat u ffirmat mill-kopresidenti u għandu jintbagħat lill-Kumitat Speċjalizzat dwar kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-Protokoll tal-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq minnufih wara li jiġi ffirmat.